# SAN PUBLJU TA' GĦAMMAR

*Kitba ta'* **Anton F. Attard**
***Folklorista u storiku***

Skont ir-rapport tal-Vista Appostolika ta' Monsinjur Pietru Dusina li saret fl-1575, fl-inħawi Ta' Għammar jew ta' Wied il-Mielaħ kienet inbniet knisja ddedikata lil San Leonardu minn Mattew Caiarando li ħallielha wkoll tlett itmiem raba' bil-piż li titqaddes quddiesa waħda fil-festa ta' San Anard u li tissewwa l-knisja skont il-bżonn.[1] Imma fis-sena 1654, din il-knisja ta' San Leonardu ġiet ipprofanata għax kienet għal kollox minsija u abbandunata. U dan sar minn Mons. Balaguer.[2]

Mitejn sena wara, f'Ta' Għammar kien jgħammar Dun Ġużepp Cassar, magħruf b'Ta' Lawrenz, li kienet drawwa tiegħu li jmur iqaddes fil-knisja Ta' Pinu li dak iż-żmien kienet għadha knisja żgħira ħafna. Meta Dun Ġużepp Cassar beda jixjieħ u saqajh ma bdewx jgħinuh sabiex imur Ta' Pinu, allura ddeċieda li bi flusu stess jibni knisja flok l-oħra li kien hemm iddedikata lil San Leonardu, u meta wera b'dan il-ħsieb lil xi ħbieb tiegħu, kulħadd ħa pjaċir bil-ħsieb sabiħ ta' Dun Ġużepp Cassar għax fost kollox bis-saħħa ta' hekk, in-nies Ta' Għammar kien se jkollhom aktar kumdità għax kienu se jkunu moqdija aħjar bi knisja fil-qrib u anki jkollhom min iqaddsilhom.

L-ewwel ġebla tal-knisja ta' San Publju tqiegħdet mill-Kan. Teol. Dun Tumas Pace fis-26 ta' Lulju 1850 u l-knisja ġiet imbierka fl-10 ta' Ottubru 1852 mill-Arċipriet tal-Għarb Dun Salv. Mizzi bħala delegat tal-Isqof. Dan l-Arċipriet Mizzi kien mir-Rabat ta' Għawdex, u kien inħatar Arċipriet minn Kanonku tal-Matriċi. Ħa l-pussess fit-22 ta' Diċembru 1844, fil-knisja tal-Viżitazzjoni ta' Sidtna Marija lil Santa Elizabbetta tal-Għarb. Miet fit-2 ta' Mejju 1852. Dan l-Arċipriet Mizzi kien wisq favur il-ħsieb ta' Dun Ġużepp Cassar li tinbena l-knisja Ta' Għammar iddedikata lil San Publju.

## L-ebda tifkira ta' San Leonardu

Ta' min isemmi li l-Arċipriet ta' qabel Dun Salv. Mizzi kien Dun Pupull Refalo u dan l-Arċipriet



*Il-Knisja Ta' Għammar jew ta' Wied il-Mielaħ kienet inbniet minn Mattew Caiarando ddedikata lil San Leonardu*



*Il-Knisja armata għall-festa tal-2017. Tidher ukoll il-vara ta' San Publju biswit l-artal*



*l-ostensorju bir-relikwija tal-qaddis armat fuq l-artal.*

tal-Għarb kien ħalla miktub, qabel ma miet fit-13 ta' Diċembru 1844, li din il-knisja ta' San Publju jaqbel li tiġi mibnija taħt it-titlu tal-qaddis tiegħu u li jġib ismu. Qala' wkoll il-permess tal-Isqof ta' Malta, Mons. Publju Sant[3], li feraħ wisq li din il-knisja kienet se tkun iġġib l-isem ta' San Publju u li għalhekk bħall-Arċipriet Refalo tkun iġġib ismu wkoll; imma żamm il-patt, li qatt ma sar fatt, li f'din il-knisja kellha titpoġġa xbieha tal-immaġni ta' San Leonardu Abbati, it-titular il-qadim tal-knisja li kien hemm qabel.

Jidher li sa żmienna, f'din il-knisja ma kien hemm l-ebda tifkira ta' San Leonardu u l-ftit nies li joqogħdu Ta' Għammar dwar San Leonardu u l-Knisja tiegħu li kellu hemm, ma jafu xejn għajr dak li jisimgħu mit-tradizzjoni li tiġri minn fomm għall-ieħor matul il-milja tas-snin.

**Min jieħu ħsieb il-knisja ta' San Publju?**

Għal xi żmien kienet drawwa ġenerali li kull min ikun Rettur tal-knisja Ta' Pinu, jieħu wkoll ħsieb din il-knisja ta' San Publju u għalhekk għal ħafna żmien din il-knisja kienet tinsab f'idejn is-saċerdot zelanti u li ma jgħejja qatt, Mons. Onor. Dun Ġużepp Portelli.

Fi żmien Mons. Portelli fil-knisja ta' San Publju saru xi opri ġodda u anki tiswijiet li kienu ħafna meħtieġa, imma l-aqwa ħaġa kienet l-artal tal-irħam li sar qabel it-Tieni Gwerra (1939-45) bi flus imħollija minn Publju Ċini, qabel mewtu.

Il-festa ta' San Publju ssir fit-tieni Ħadd wara l-Għid u fis-sena 1947 wkoll, saret festa organizzata tajjeb minn Mons. Onor. Dun Ġużepp Portelli, il-funzjonijiet kollha saru mill-kleru tal-Għarb. Niseġ il-paniġierku dwar San Publju Dun Anton Grech Scicluna mill-Belt Vittorja.

Qabel it-Tieni Gwerra, kienet daħlet drawwa li għall-festa ta' San Publju, ir-Rettur ta' din il-knisja jagħmel ġabra żgħira min-nies tal-post u f'Jum il-Għid ta' San Publju jinġabru erba' daqqaqa u jferrħu u jallegraw lin-nies ta' hemm imma din id-drawwa, wara xi żmien mietet għal kollox.

Illum (2017) din il-knisja ċkejkna jagħmel minnha l-Arċipriet tal-Kolleġġjata tal-Għarb.[4] ■



*Il-bejt u l-kampnar tal-knisja li minn fuqu tidher veduta pittoreska ta' Għawdex.*

---

**Noti:**

1 Ara Anton F. Attard, *Il-Viżta Apostolika ta' Mons. Dusina f'Għawdex fis-Sena 1575. Maqlub għall-Malti mill-Oriġinal bil-Latin u mogħnija b'noti, kummenti u osservazzjonijiet.* Għawdex, 2014, p. 60. Ta' min jgħid li San Leonardu kien il-protettur tad-devoti tiegħu biex iħarishom milli jaqgħu fil-jasar.

2 Ara wkoll, Kurja ta' Għawdex, Viżta' Pastorali ta' Mons. Balaguer de Camarasa, 1654.

3 Għawdex kien għadu mhux djoċesi għalih bl-isqof tiegħu.

4 Informazzjoni mogħtija verbalment minn Dun Gerald Buhagiar, ir-Rettur tas-Santwarju ta' Pinu.